MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28

14 ta' Ġunju 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI
John P.Bonnici – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.40pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sur John P. Bonnici u l-Avukata Helen Caruana li daħlet ftit tard.

Hu beda billi qal li l-laqgħa qed titmexxa mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Yanica Sammut minħabba li bħalissa s-Segretarji Eżekuttivi kollha għaddejjin bi strajk. F'ittra lis-Sindku is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li għalkemm id-dover tagħha hu primarjament lejn il-Kunsill tħoss li għandha timxi mal-għajta komuni tal-għaqda li hi tifforma parti minnha. Is-Sur Cordina spjega kif il-Kunsill Lokali Ħ'Attard għandu Deputat Segretarju Eżekuttiv u għalhekk setgħet issir il-laqgħa.

## 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

28.1.1 Is-Sindku saqsa jekk kienx hemm ittri t'apoloġiji u s-Segretarju wieġbet li sa dak il-ħin ma kelliex.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

28.2.1 Kulħadd qabel.

## 28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

28.3.1 ***Spejjeż Reġjun***

Is-Sur Cordina qal li xtaq iressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera xi spejjeż li jgħaddu mill-fondi tar-Reġjun u b'hekk jiġu utilizzati:

Raised Hump (Kwotazzjojijiet)
B. Grima & Sons Euro 2472.34 x 2 Euro 4944.68
Martin Grima Limited Euro 4130 x2 Euro 8260
IG Services Euro 2500 x2 Euro 5000
L-irħas B. Grima and Sons

Flexible Bollards (Tender)
B. Grima & Sons Euro 2206.60

Gardina Triq il-Ferrovija ma' Triq l-Għenba
Charles Mifsud Euro 1300

L-Avukat Caruana daħlet f'dan il-mument 5.44pm

Is-Sur Cordina kompla jgħid li ftit xhur ilu kien ressaq għall-attenzjoni tagħhom il-fatt li l-mafkar ta' Pjazza Tumas Dingli, li jfakkar id-dħul tal-konvoj ta' Santa Marija, li hu tal-fibre u biż-żmien therra kellu bżonn jinbidel. Ingabu l-kwotazzjonijiet li huma hekk:

Chippy Pottery Euro 1770
Ceramart Limited Euro 1681.50
Alka Ceramics Euro 1650
L-irħas Alka Ceramics u qal li dan issa se jkun tal-*bronze* b'*lifespan* ikbar. Din tal-aħħar minn skema 10.

Xiri ta' Octgonal Pots Gardina tal-Katlan
Piscopo Gardens x 4 Euro 2195.19
Sherries *unfortunately we do not supply these type of pots*
Derek Garden Centre x 4 Euro 1090 *not octagonal though sample says octagonal and smaller*
Is-Sur Cordina issuġġerixxa li jmorru fuq Piscopo kif jidher fuq l-istampa.

Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet jekk jaqblux. Is-Sur Cordina reġa saqsa jekk jaqblux mal-proposti hekk kif imressqa u li dawn il-flus jintalbu taħt l-iskemi tar-Reġjun. Kulħadd qabel.

28.3.2 *Change of use from residence to bed and breakfast Guest House in Triq il-Konti R. Barbaro*

Is-Sur Stefan Cordina qal li rċieva e-mail mingħand resident rigward change of use from semi-detached villa to bed and breakfast class 3A. Is-Sur Cordina qara l-e-mail mibgħutha li daħlet fid-dettal fuq il-bdil intern li sa jsir. L-Avukat Caruana qalet li internal changes biss sa jsiru u ġa hemm il-Corinthia biswit. L-MTA qalet li peress li s-sit in kwistjoni qiegħed f'*residence priority area* ikollhom bżonn il-*go ahead* tal-Planning Authority qabel ma l-MTA toħrog il-liċenżja. L-Avukata Caruana qalet li l-MTA ma qalitx li qed toġġezzjona għal tali liċenzja. Is-Sur Cordina qal li ħa l-parir tal-Perit fejn dan irrakomanda li ssir oġġezzjoni imma ovvjament bħalha Sindku qal li jixtieq il-parir ta' kulħadd.

Il-Perit Giorgio Schembri qal li l-ikbar uġiegħ ta' ras hu propju il-parkeġġ u dan minħabba l-attività. Hu qal li per esperjenza jaf li nħarġu anka permessi f'*residence priority area.* Qal li l-aħjar li jsir hu li jirreġistraw bħalha *interested party* u jissalvagwardjaw n-*neighbourhood* u l-PA tara l-*policies* tal-PA. Is-Sur Cordina qal li sforz ta' kemm dejjem konna *interested party* biss li Ħ'Attard ġie rrovinat u huma propju dawn il-*policies* tal-PA li l-Kunsill m'għandux kontroll u li jiġu attwati li wara qed joħolqu inkonvenjenzi u problemi kbar. Ovvjament il-problemi wara jiffaċċjahom il-Kunsill u ħadd iktar. Ir-residenti mhux ħa jilmentaw mal-BCA jew il-PA imma mal-Kunsill allura jew jieħdu kollox *from AtoZ* jew xejn hux. Il-Perit Schembri qal li l-PA ħa tara l-*policies* tagħha u l-*local plans* flimkien mad-DC15. Hu kompla jgħid li tista' ssir oġġezzjoni fuq il-parkeġġ jew l-attività però jaf tiġi approvata. Baqa' jsostni li l-aħjar jibqgħu bħalha *interested party.*

Is-Sur Alex Mangion qal li tali żvilupp żgur ħa jwaqqa' l-valur tal-propjetà u kien appuntu għalhekk kompiet l-Avukat Caruana li oġġezzjonaw, anka jekk jinbnew flats ħa jiġri l-istess. Is-Sur Victor Galea qal li jaqbel li jaraw x'se jsir imma mhux li joġġezzjonaw. Qal li għal 20 persuna

ma jaqbilx li joġġezzjonaw. Hu qal li jaqbel mal-kummerċ u mal-progress u għalhekk ma jħossx li għandhom joġġezzjonaw.

L-Avukat Brincat saqsa x'kienet l-opinjoni tal-Perit u għala għandhom joġġezzjonaw. Is-Sur Cordina qal li l-parir tal-Perit hu ssir oġġezzjoni minħabba diversi punti li reġgħu ġew elenkati u li qabel magħhom l-Avukat Brincat għax iħoss li jekk nibdew b'din imbagħad jitħajjar dak u l-ieħor u titwaqqa' iktar l-estetika u l-valur tal-post.

L-Avukat Caruana qalet li ma taqbilx li ssir oġġezzjoni għax tħoss li waħda diġà hemm il-Corinthia 5 star u dawn it-tip ta' *hostels/guest houses* joffru akkomodazzjoni alternattiva bi prezz irħas. Hi kompliet billi tgħid li ilha tgħid tħoss li għandu jkun hemm xi ħaġa biex nigbdu t-turisti lejn Ħ'Attard. Il-fatt li dan ħa jhun viċin l-info centre hu wkoll vantaġġ. Hi qalet li *guest house* normalment wieħed imur biex jieħu breakfast, joħrog u jiġi lura biex jorqod. Jekk din hi fil-*local plans* ma tħossx li għandhom joġġezzjonaw imma li l-Kunsill ikun reġistrat bħalha *interested party* u wara jekk hemm bżonn skont kif qal il-Perit Giorgio Schembri joggezzjonaw. Qalet ukoll li ma taqbilx ma dak li qal is-Sur Cordina fejn qatt ma nħasset jew qatt ma saru oġġezzjonijiet fuq ċertu żviluppi. Hu qal li jħoss li l-Kunsill għandu jkollu *say* fil-policies tal-PA u dana għaliex fi snin preċedenti kienet saret talba lill-PA sabiex mhux isiru oġġezzonijiet fuq żviluppi in se, imma fuq dawk eċċessivi il-Kunsill ikun parti minn l-bord li jwassal dawn id-diffikultajiet, imma din it-talba wkoll waqgħat fuq widnejn torox.

Hu reġa' tenna li ma qalx ejja noġġezzjonaw imma li ma ma jkunx hemm lok li minn din isiru oħrajn, kif mexa mill-e-mail, għall-Perit u finalment għad-deċizjoni. Is-Sinjura Connie Scerri qalet li taqbel mas-Sindku u li għandu jkun hemm postijiet addattati fejn isiru *guest houses* u oħrajn fejn ikollok djar biss. L-Avukat Brincat li ħa tinbidel il-fiżjonomija tal-area in kwistjoni jekk minn wieħed jiġi ieħor u ieħor u ieħor. Jekk ċertu żoni huma *priority residential areas* għandhom jibqgħu tali. Li jkun hemm postijiet oħra fejn dawn isiru m'għandux oġġezzjoni jew li jiġu turisti minn postijiet oħra li jżuru l-*embankment* jew imorru jieħdu xi ħaga imma mhux li tinbidel il-fiżjonomija u li tagħti prijorità lir-residenti mhux li min dieħel u ħiereġ.

L-Avukat Caruana qalet li hi ma tafx x'inhuma l-pjanijiet għal Ħ'Attard imma li din lanqas minn barra mhu ħa tinbidel għax aperturi biss. Is-Sindku qal li l-persuna hi jew hu jaf min hi u hija persuna tal-affari tagħha. Is-Sindku qal li jekk kulħadd jaqbel jirreġistraw bħalha *interested party* u l-*options* jibqgħu miftuħin. Kulħadd qabel. Il-Perit Schembri qal li hekk il-Kunsill ikun jista' jdaħħal kull informazzjoni u l-Perit ikun preżenti waqt is-seduti tal-Bord.

## 28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

28.4.1 Giorgio Schembri

- Il-Perit Schembri qal li jixtieq jagħti nformazzjoni fuq il-laqgħa li saret ma' IM fuq *minor amendment* fis-Central Link. Il-PA talbet li l-Kunsill ikun preżenti għall-approvazzjoni ta' *underpass* flok *roundabout* ħdejn l-MFSA u *minor amendments* oħra fil-bankini. Qal li hu ra li kollox kien fil-parametri ta' dak li kien diġà approvat. Iċ-Ċerman tal-PA Victor Axiaq saqsa jekk hux se jintmissu xi siġar oħra u l-Bord ivverifika li mhux se jintmissu siġar. Għan-nom tal-Kunsill ivvota iva għall-emendi li diġà kien hemm, la dawn kienu biss *junction improvements.* Is-Sur Victor Galea saqsa x'inhu jiġri fl-area tiegħu. Saqsa

għala ġie *bus stop* quddiem Horace Bar. Il-Perit Schembri qal li dawn jistgħu jiċċaqalqu bi ftehim mal-entità għax mhumiex kwistjoni ta' PA.

28.4.2 Connie Scerri

- Ressqet ilment fuq Gardina Emvin Cremona. Qalet li hemm disastru sħiħ u li sar xi xogħol anka s-sena l-oħra. Is-Sur Cordina ikkonferma li sar xogħol ta' tindif is-sena l-oħra u li peress sar ukoll xi xogħol fuq it-triq, il-kuntrattur tefa' xi fdalijiet ta' ramel żrar u tarmak fil-ħamrija li finalment ha jkollu jitnaddaf mill-Kunsill. Semmiet ukoll li kollettur weġġa' meta waqa' fuq il-bajtar tax-xewk, għaldaqstant talbet biex jitneħħew.
- Saqsiet jekk hux ħa terġa' ssir il-ħamrija fil-ġardina fi Triq l-Għenba ma' Triq il-Ferrovija. Is-Sur Cordina qal li iva.

28.4.3 Helen Caruana

- Saqsiet jekk il-Kunsill jikkunsidrax li jsir xi transport għall-isptar. Is-Sur Cordina qal li diġà kien ġie avviċinat minn xi residenti u qalilhom li mbilli Kunsilli oħra għandhom trasport ma jfissirx li l-Kunsill tagħna għandu l-istess. U dana għaliex f'ċertu Kunsilli inbeda proġett pilota u f'oħrajn ingħataw vettura b'xejn u saħansitra hemm min imur xufier volontarjament. Il-Kunsill kien diġa' ġabar stimi għal dan is-servizz li avviċinaw l-ammont ta' madwar €30,000 fis-sena. L-Avukat Caruana saqsiet xi tkopri l-istima. Is-Sur Cordina qal din tkopri xiri ta' vann, liċenżja, *insurance*, maintenance u xufier. Ftit tax-xhur ilu wkoll il-Kunsill kien mistieden laqgħa flimkien mal-Kunsill ta' Ħal-Balzan għand il-Ministru Michael Farrugia sabiex jinġab transport għat-tliet irħula. L-Avukat Caruana qalet li taqbel li jingħaqdu ma' Kunsilli oħra u ħa tgħin sabiex dan l-element ta' anzjani forsi tiġi mplimentata din it-tip ta' Sistema ma' Kunsilli oħra. Is-Sur Cordina qal li trid issir distinzjoni wkoll hekk hux Sptar biss jew postijiet oħra u kemm il-darba jintuża s-servizz minn kull resident jekk hux ħa ssir distinzjoni wkoll li darba biss jew kuljum. Kulħadd qabel li jekk ikun hemm lok ta' fondi taħt xi skema il-Kunsill se japplika sabiex jitnieda dan is-servizz.

28.4.4 Victor Galea

- Ilmenta fuq il-qrusa li jħallu t-trakkijiet tal-iskart.
- Talab biex jiġi l-Blood Mobile Unit

28.4.5 Remigio Bartolo

- Talab biex għal Settembru jsir xi ħaġa fuq skala żgħira għal Jum Ħ'Attard peress li ilhom ma' jiltaqgħu mal-pubbliku.

## 28.5 Rapporti

28.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 28.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

28.6.1 ***Riżoluzzjoni 10 Skema ta' Ingaġġ t'Uffiċċjal tal-Komunità 'Stewart'***.

F’din l-applikazzjoni l-Kunsill se jitlob biex jingħata fondi taħt skema 2021/2022 sabiex jiġi ngaġġat uffiċċjal tal-komunità ‘stewart’ għat-trattament xieraq tal-annimali. Din l-iskema inħarġet għall-Kunsilli Lokali madwar Malta u Għawdex u l-Ministeru se jieħu ħsieb jingaġġa din il-persuna fuq bażi part-time jew full-time għal 18-il xahar sabiex jara li l-annimali huma ċċipjati, jagħti tagħrif edukattiv, u jekk xi ħadd ħalla l-annimal iħammeġ dan jew jiġi mgħarraf jew jiġi mmultat. Is-Sinjura Connie Scerri qablet ma din il-proposta u qalet li dan hu mistħoqq u hemm bżonnu sabiex jinżamm ir-raħal nadif u jkun mod edukattiv kif in-nies ikunu *aware* li qed jagħmlu ħażin. Is-Sur Schembri saqsa kif ħa tiġi mmaniġġjata din l-affari. Is-Sur Cordina qal li ħa jkun hemm persuna li ddur ir-raħal u tagħmel it-tip ta’ xogħol imsemmi. Is-Sinjura Scerri ipproponiet u s-Sur Cordina issekonda.

28.6.4 *Fondi Kultura* Is-Sur Cordina qal li dak il-kunċert li kellu jsir f’Awwissu mill-baned minħabba restrizzjonijiet kellu jitħassar u għaldaqstant qed jipproponi li għada waqt il-laqgħa tar-Reġjun jressaq proposta biex dawn €10,000 jitqassmu lill-għaqdiet i.e €2,000 sabiex jiġi rimborsat xi restawr li sar mill-Parroċċa fuq il-Via Sagra u affarijiet oħra fil-Knisja, dan wara li s-Sur Cordina kien tkellem mal-Kappillan fuq l-aħjar mod kif jipprocedu. Il-kumplament jitqassmu bejn iż-żewġ baned lokali. Dan kollu ħa jitressaq għall-approvazzjoni tar-Reġjun u kif kompliet l-Avukat Caruana wara ikun hemm ċans jingabru kwotazzjonijiet, fatturi u irċevuti skont ir-regoli tax-xiri. Is-Sur Bartolo qal li hi xi ħaġa tajba li l-Kunsill jikkonċentra fuq restawr partikolari milli ħafna tentufiet l’hemm u l’hawn, biex ngħidu dak l-oġġett sar mill-Kunsill. Kulħadd qabel.

28.6.5 ***Bankini Ġodda*** Is-Sur Cordina qal li kien hemm proposta biex isiru l-bankini fi Triq Mario Cortis u kien hemm anka stimi mill-WSC lesti imma minħabba li f’din it-triq twaqqgħu tliet binjiet ma kienx ġust li jsiru xogħolijiet waqt li qed jitwaqqgħu il-binjiet. Għalhekk propona li minflok issir il-part **ż**-żgħira ta’ Triq ir-Rużell dejjem jekk jaqbel il-Kunsill minħabba li din il-part mkissra. Dawn il-fondi se jippruvaw jinħarġu mill-LESA w’għaldaqstant se tiġi nfurmata l-AKL sabiex jerġa’ jiġi sostitwit il-proġett li kien se jsir għall-Lejl għat-Tard.

Is-Sur Giorgio Schembri propona li meta jkun hemm xi ftuħ uffiċjali l-Kunsill ikun mistieden bħalha rikonoxximent. Is-Sur Cordina qal li kull meta saret xi inizjattiva l-Kunsill dejjem kien mistieden imma forsi minħabba restrizzjonijiet dan l-aħħar ma kien qed isir xejn. L-Avukat Caruana qalet ukoll li ta’ minn jagħmel xi kitba żgħira fil-fuljett tal-Kunsill. Kulħadd qabel.

## 28.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta’ Pagamenti

28.7.1 Il-pagament ġew approvati.

## 28.8 Mozzjonijiet; u

28.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 28.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

28.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.58pm u ġiet aġġornata għall-14 ta’ Lulju 2021 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 14 ta' Lulju 2021.

Stefan Cordina
Sindku

Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv